**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 27 ta` Novembru, 2018.**

**Talba Nru: 414/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Monica Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-28 ta` Awissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma komplessiva ta` disa' mija u ħamsa u disgħin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€995.56ċ) dovuta in konnessjoni ma' servizzi miġbura f'żewġ kontijiet numri 40245904 u 40100486, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospetti tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Doki. A1 sa A2, fol. 2 sa 4); (ii) kopja tal-kuntratti li l-konvenuta kellha mas-soċjeta` attriċi (Doki. B1 sa B2, fol. 5 sa 7); u (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-uffiċju reġistrat tal-konvenuta (Dok. C, fol. 4).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas deħret biex tikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta` Paul Gatt, *credit control officer* mas-soċjeta` attriċi, li kkonferma li l-ammont mitlub għadu dovut.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta` disa' mija u ħamsa u disgħin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€995.56ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**